**Laqgħa Numru 37**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**12 t'April 2022**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-5.10pm ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 36.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

36.1.1 Il-Kunsillier Johnny Vella kien informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba li kien jinsab b' kwarantina.

Is-Sindku Hubert Saliba ippresjeda l-laqgħa..

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 35 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl kien miexi b'ritmu tajjeb u kien kważi lest. Is-Sindku kien kuntent kif qed isir ix-xogħol. Is-Sindku ssuġġerriexxa li jsir fanal l-antika biex jikkumplimenta l-istatwa u anke rixtellu tal-ħadid biex kemm jista' jkun l-istatwa tibqa' miżmuma tajjeb. Il-Kunsill qabel waqt li s-Segretarju ħadet nota biex jinġabru kwotazzjonijiet.

36.3.2 Is-Sindku spjega li draft tal-Grant Agreement mid-DPF kien wasal u l-ammonti kienu qed jiġu vverifikati mill-Perit. Is-Sindku spjega li kien hemm pjanijiet min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex biex waqt li jkun għaddej dan il-proġett il-latrina tiġi refurbished ukoll.

36.3.2 Is-Sindku rreferra għall-proġett tal-Eco Park fejn informa lill-Kunsill li kien ġie mgħarraf li s-sejħa għall-offerti fuq dan il-proġett kienu imminenti li joħorġu. Il-Kunsill iddiskutta li jkun għaqli li ssir laqgħa mal-Inġinier biex ikunu jista' jagħti update fuq dan il-proġett hekk kif kienu għaddew sentejn minn meta l-Kunsill ġie mgħarraf b'dan il-proġett. Is-Segretarju ħadet nota biex titlob laqgħa mal-Inġinier responsabli. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li waqt il-laqgħa jiġi diskuss kif se jkun iffinalizzat il-proġett u anke t-termini tal-maintenance agreement.

36.3.4 Is-Sindku rreferra għall-refurbishment tal-Playingfield ta' Ġokk fejn issuġġerriexxa li x-xogħol fuq dan il-proġett għandu jsir gradwalment u mhux jinqala' kollu kif ġara f' Tal-Ħamrija. Il-Kunsill kellu japplikka taħt l-iskema maħruġa mir-Reġjun. B'referenza għas-sejħa tal-Offerti fuq ir-Rubber Flooring il-Kunsill qabel li l-avukat tal-Kusill, l-accountant tal-Kunsill u l-inġinier Mario Cauchi kellhom jinħatru bħalha evalwaturi. Il-Kunsill kellu jitkellem mal-Perit biex iħejji l-istima u anke l-ispeċifikazzjonijiet biex toħroġ sejħa biex l-art f'dan il-playingfield isir bl-istencil.

36.3.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill bil-laqgħa li kienet saret mal-Kunsill t'Għajnsielem fuq is-sit ta' Briegħen, liema proġett kien hemm il-ħsieb li jsir bejn iż-żewġ Kunsilli. Is-Sindku

spjega li l-ħitan tas-sejjieħ kien ser isir min-naħa tal-Kunsill tax-Xewkija. Kien h'emm il-ħsieb li jinxtraw bankijiet u picinic tables simili għal dawk installati f' Ta Blankas u anke sisr bandla waħda. Il-Kunsilliera Jeanelle staqsiet jekk fil-laqgħa ġiex diskuss il-possibilta li dan is-sit ikunx jista' jintuża bħala camping site. Tqajjem ukoll il-punt rigward in-nuqqas ta' dawl li hemm fl-inħawi u l-possibilta' li tintuża sistema solari biex jkun hemm id-dawl. Is-segretarju ħadet nota biex dawn il-punti jiġu diskuss fil-laqgħa li jmiss fuq dan il-proġett. Is-Sindku spjega li s-Sur Joseph Bonello kien se jieħu ħsieb biex jara x'hemm siġar tajbin u ħżiena hekk kif fil-post hemm imħawlin aktar siġar milli jiflaħ il-post.

36.3.6 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tispjega l-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva rigward is-suġġeriment tal-accountat tal-Kunsill fuq il-possibilta' ta' guardianship deed. L-Awtorita' tal-Artijiet tidħol fi ftehim u tghaddi l-propjeta' mal-SCH biex l-istess SCH taghmel Guardianship Deeds ma' għaqdiet, entitajiet u NGOs li jiehdu ħsieb wirt u patrimonju kulturali u storiku. Guardianship deeds isiru wkoll ma' entitajiet li jiehdu hsieb wirt ambjentali bhal ERA imma mhux ma' Kunsilli. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jidħol f'dan it-tip ta' arranġament. Is-segretarju spjegat ukoll li f'każ ta' devoluzzjoni l-Kunsill iħallas ammont ta' kera ssussidjat.

36.3.7 B'referenza għall-festa ta' Jum L-Omm, is-Sindku ssuġġerriexxa li ssir ħarġa simili għal dak li kien isir qabel il-Covid. Il-Kunsill qabel li jibdew il-preparamenti għall-quddiesa, żjara ġo mużew, tombla u ikla.

36.3.8 Is-Sindku rreferra għal Fior D'Argenta fejn wera x-xewqa li din is-sena l-attivitajiet għall-festa tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann isiru fuq tlett ijiem. Is-Sindka minnhom isir festal ta' kanzunetti tradizzjonali u makjetti, fit-tieni ġurnata ssir serata ta' għana u ikla f'Ta' Blankas, il-Ħadd isir il-wirja tal-annimali f'Ta' Blankas u f' jsir il-programm bis-sehem tal-Banda Prekursur, il-Ħuġġiega ta' San Ġwann u t-torta tat-tin ta' San Ġwann. Is-Sindku spjega li jħoss li tkun xi ħaġa sabiħa jekk f'dan l-attivitajiet jingħaqdu l-għaqdiet kollha u jaħdmu ma' xulxin. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din il-proposta.

36.3.9 Is-Sindku rreferra għan-nuqqas ta' boroż griżi u anke tal-iskart organiku fejn spjega li l-AKL kienet konxja mill-problema u kienu qed jaħdmu biex tinstab soluzzjoni wara li l-Greenpak kienet qed tirrifjutta li tipprovdi l-boroż bl-iskuża ta' żieda fil-prezz.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.4.1 Il-Kunsillera Jeanelle Attard irreferriet għall-Community Workers il-ġodda li ġew allokatti mal-Kunsill. Il-Kunsilliera eseġiet il-bżonn li jinħoloq programm tax-xogħol għal kull ħaddiem biex b'hekk il-Kunsill ikun qed jittulizza dawn il-ħaddiema bl-aħjar mod possibli. Il-Kunsill idiskutta li dawn il-ħaddiema nistgħu nużawhom biex niffrankaw servizzi li qabel konna nqabdu terzi biex għalihom bħal bdil ta' bozoz, etċ Il-Kunsill iddiskutta li għandu jinxtara sellum forċi.

36.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li fil-librerija hemm serratura li trid tinbidel hekk kif il-librara nfurmata li xi tfal kienu messew is-serratura.

35.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-white roads li kienu qed jissemmew f'kull laqgħa. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u spjega li l-fatt li konna għadna fl-ewwel ġimgħat ta' leġislatura ġdida ma jgħinx.

35.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lill-Kunsill li kienet tkellmet mas-Sur Galea fuq il-problema tal-website tal-Kunsill li bħalissa ma kienx qed tiffunnzjona. Is-Segretarju ħadet nota biex tkellem lis-Sur Galea biex tinstab soluzzjoni biex il-website tkun tista' tibda topera minnufih.

35.4.5 Il-Viċi Sindku rrefera għall-korrispondenza mingħand is-Sur Louis Borg fejn kien qed jitlob li parti minn Triq San Ġwann, l-aħħar parti tagħha li tmiss ma' Triq Il-Ħamrija ssir one-way, jiġu nstallati żewġ sleeping policemen u anke jiżdied id-dawl imma mhux mal-faċċata tad-dar tiegħu. Il-Kunsill idiskutta li kull fejn saru l-isleeping policemen l-Kunsill dejjem spiċċa rċieva numru ta' ilmenti fuqhom. Barra minnhekk kien hemm diversi talbiet għal sleeping policemen li ġew irrifjutati fl-aħħar xhur. Fir-rigward li parti ssir one-way il-Kunsill iddiskutta li jekk din isir one-way tinħoloq probema ta' flow tat-traffiku band'oħra. Il-Kunsill qabel li tiżdied bozzaa fit-triq ma' post li kellu jgħaddi d-dettalji tiegħu l-Viċi Sindku stess.

35.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet għall-proġett li l-Kunsill seta' jtella' bil-parteċipazzjoni tat-tfal relatata mal-festa ta' San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li għandu jittella' proġett li minnu t-tfal ifittxu ritratti marbuta mal-festa mill-passat. Dawn ir-ritratti imbagħad jiġi esebiti f'wirja li tkun tista' titgawda minn kulħadd.

35.4.7 B'referenza għall-korsijiet li għandhom jiġu provduti matul ix-xhur tas-sajf, il-Kunsill idiskutta l-possibilta' ta' korsijiet bħal messy hands, kors tas-science, kors tat-tafal, kors tal-pittura, kors ta' videography u editing u stained glass. Is-segretarju ħadet nota biex tibda tiċċekja mal-għalliema jekk humiex interessati.

35.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rreferriet għat-talba tal-Kap tal-Iskola biex jitħallas l-amplifier li kien inxtara mill-iskola. Is-Segretarju spejegat li l-kollaborazzjoni li kellha tintuża għal Jum Ix-Xewkija 2020 qatt ma ngħatat peress li l-iskola rnexxielha taħdem bir-riżorsi tagħha stess. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jitħallas l-amplifier.

## 36.5 Budget ghas-sena 2022

36.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġie ppreżentat il-Budget 2022 kif ipprepraraat mill-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsilliera approvaw il- Budget. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 36.6 Korrispondenza u Ilmenti

36.6.1 03/03/2022 Koppja tal-imejl indirizzatat lil Ministeru Għal Għawdex ta’ Anna Maria Baldacchino fuq Trejqet il-Barrieri, Triq Majmuna u Triq iċ-Ċnus fejn insinwat li ġew il-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex għandi nifhem jew ta’ xi kuntrattur u ġew imkeċċija milli jirranġaw dawn it-Triqat mir-residenti ta’ hemmhekk.

36.6.2 03/02/2022 Ms Isabel Ivanovic nee’Cassar kitbet lil Kunsill Lokali ix-Xewkija fejn infurmatu li ġew il-ħaddiema jirranġaw Triq il-Barrieri u irranġaw naħa waħda biss.

36.6.3 03/03/2022 Mr George Merieca bagħat korrispondenza fejn jixtieq li nibgħatulhu xi tagħrif dwar Rosa Magro bl-ingliż.

36.6.4 07/03/2022 Training for Elected Officials by the Novwegian Definition.

36.6.5 07/03/2022 Skema Reġjonali – Librerija fil-Lokalita 2021 it-talba ġiet aċċetta.

36.6.6 07/03/2022 Riżultat Skema Reġjonali – Ambjent 2021 ġiet aċċetta.

36.6.7 08/03/2022 Korrispondenza relatata maż-żjara tal-Papa fosthom li ma jistgħux jingħataw permessi mill-1 sat-3 t’April 2022.

36.6.8 10/03/2022 Korrispondenza mingħand Claude Farrugia fejn infurmat lil Kunsill li ser jieħdu L-Installation of Outdoor Fixed Ground Percusion Exhibits ġiet aċċettat.

36.6.9 10/03/2022 Korrispondenza mingħand Ms Tania Buttigieg dwar ‘yellow lines’ min-naħa tal-garaxx fi Triq Ta’ Ġokk.

36.6.10 12/03/2022 Talba għal ta’ €1500 għal Gozo Half Marathom li ser issir il-Ħadd 3 ta’ April, 2022 mill-organizzaturi.

36.6.11 16/03/2022 Korrispondenza mis-Sa Ms Joanne Curtis rigward clean-up f’Tal-Loġġa.

36.6.12 16/03/2022 Training il-Ġimgħa 18 ta’ Marzu, 2022 għas-Sindku u Kunsilliera biex iżommu dik id-data.

36.6.13 16/03/2022 Il-Ministeru tal-Biedja, Sajd, u Drittijiet tal-Annimali talab biex jagħmlu stand fil-festa tal-Mnarja għax ser tiġi Organizzata l-Wirja tal-Mnajra bħas-snin l-imgħoddija.

36.6.14 16/03/2022 Korrispondenza mingħand is-Sur Chelsea Muscat lill-Kunsilli ta’ Għawdex fejn qed jitlob biex issir protesta dwar il-bini li qed jingħata l-permess biex jinbena.

36.6.15 17/03/2022 Korrispondenza mingħand Jake Cutajar tal-Aġenzija Sapport dwar servizzi tal-Blue Badge.

36.6.16 18/03/2022 The Young Elected Politicians (YEP) . Korrispondenza mingħan is-Sur Fabian Galea.

36.6.17 24/03/2022 Aġenda tal-Kunsill u Skeda ta’ Pagamenti.

36.6.18 25/03/2022 Proġett – X’hemm fir-Reġjun t’Għawdex.

36.6.19 25/03/2022 Agenda Nru 36.

36.6.20 29/03/2022 Training Session għall-ħaddiema tal-Kunsill on-line session fit-13 ta' April, 2022 bejn il-11.00a.m. sal-11.30a.m.

36.6.21 29/03/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindki u Kunsilliera dwar it-talba li għamlu Gaudos għall-1500.

36.6.22 29/03/2022 Tender Report fil-Playing Field Ta' Gokk.

36.6.23 29/03/2022 Ukraine 31st March – Online Conference -Local Goverments Unite for Welfare and Peace.

36.6.24 29/03/2022 Cir AKL 2022/030 Information Session – Servizzi provduti mill-Jobplus.

36.6.25 29/03/2022 Korrispondenza Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar posponiment tal-laqgħa tal-Kunsill.

36.6.26 30/03/2022 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarja Eżekuttiva fejn infurmat lil Hubert dwar x'se jagħmlu xogħol il-ħaddiema ta' barra.

36.6.27 30/03/2022 Cir AKL 2022/031 Sport & Physical Activity_ Psysho Social Perspective of Sports and Exercise Training Session 12/04/2022.

36.6.28 30/03/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmathom li ser jiżdiedu 3 ħadddiema ġodda tal-Community Workers.

36.6.29 30/03/2022 Training for Elected Officials – the Pre-Defined Project (PDP3) Co-funded by the Norwegian Funding Mechanism 2014-2021.

36.6.30 1/04/2022 AKL 2-0222/032_AKL Webiner – Info session Best Animal Society 21/04/2022.

36.6.31 02/04/2022 Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar.

36.6.32 05/04/2022 AKL 2022/032_AKL Webinar – Info Session Best Animal Society 21/04/2022.

36.6.33 06/04/2022 Agenda Nru 36, din il-laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' April, 2022 fl-4.30p.m.. mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera mis-Segretarja Eżekuttiva.

36.6.34 06/04/2022 Cir AKL 2022/036 Training Session_Personal Development Speech writing.

36.6.35 06/04/2022 Cir AKL 2022/035 Training Session_Personal Development Public Speaking 10/05/2022.

36.6.36 07/04/2022 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera fejn is-Segretarja Eżekuttiva għaddietilhom informazzjoni dwar 'Guardianship Agreement' li rċeviet.

36.6.37 07/04/2022 Korrispondenza mis-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmathom li fuq messenger tal-Kunsill ser tinbena pool fuq ODZ qrib Masġar Blankas.

36.6.38 07/04/2022 Korrispondenza mingħand Darren Mercieca dwar Guardianship Agreement

lill-Kunsill Lokali Xewkija.

36.6.39 11/04/2022 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmatom li s-Sa Baldacchino ma waqfetx tibgħat emails fuq Trejqet Il-Barrieri, Triq Majmuna, Trejqet Iċ-Ċnus Xewkija.

36.6.40 11/04/2022 Cir AKL 2022/039 ECAD Membership.

36.6.41 11/04/2022 Save the Date – LCA Plenty. The Plenary Conference.

**36.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

36.7.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**36.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

30.9.1 Il-laqgħa ntemmet 7.30pm. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **14 ta' Ġunju 2022**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |